# Status Animarum 1687

## l-Ewwel Ċensiment għall-popolazzjoni ta' l-Imqabba

### Kitba ta' Noel Buttigieg

Meta wieħed iħares lejn l-istorja ta' l-Imqabba, bħal dik ta' bosta rħula oħra f'Malta u Għawdex, jinduna kif din hija riflessjoni tal-popolazzjoni li toqgħod fl-istess raħal. Naħseb li bħalissa qed tgħid li din hi ħaġa ovvja iżda l-istorja demografika ta' pajjiżna tixhed mod ieħor. Lejn l-aħħar tas-seklu sittax, il-popolazzjoni ta' Malta kienet kotrot bil-bosta u magħha ġew iffurmati uħud mill-irħula li jagħmlu l-gżira tagħna. Fl-isfond ta' dan il-proċess demografiku kien hemm ukoll bosta postijiet, b'ammont ta' nies jgħixu fihom, li nħonqu minn irħula li kibru aktar malajr wara l-miġja ta' l-Ordni ta' San Ġwann f'Malta.[1] Għal din l-istess raġuni, nistgħu wkoll ngħidu li raħal jew belt tikber minħabba fatturi oħra bħall-qagħda strateġika jew aspetti ta' importanza ekonomika bħal xi industrija mportanti li fuqha jiddependu n-nies li jgħixu fl-inħawi.

Minkejja l-iżviluppi demografiċi li ssemmew hawn fuq, ir-raħal ta' l-Imqabba u l-poplu tiegħu mhux biss żammew l-identità tagħhom ta' Imqabbin iżda komplew isaħħu dan billi fl-1598, wara l-vista pastorali ta' Mons. Gargallo, l-Imqabba saret parroċċa b'Dun Ġwann Mizzi jkun l-ewwel kappillan.[2]

Minn dak iż-żmien, il-popolazzjoni kotrot u magħha kiber ukoll ir-raħal. Kważi mitt sena wara li l-Imqabba saret parroċċa, il-popolazzjoni kienet tgħodd 491 ruħ skond l-ewwel Status Animarum li nżamm fis-sena 1687.[3] Dawn id-dokumenti huma bażiċi fl-istudju tal-popolazzjoni fiż-żmenijiet l-imgħoddija. Huwa biss lejn nofs is-seklu dsatax li l-gvernijiet bdew iħarsu lejn iċ-ċensiment bħala għodda importanti sabiex jifhmu aħjar il-popolazzjoni ġewwa pajjiżhom.[4] Iżda, fin-nuqqas ta' l-istat, il-Knisja minn ħafna żmien qabel bdiet iżżomm informazzjoni dwar il-parroċċjani għal skopijiet spiritwali. L-aktar wara s-seklu sittax, il-Knisja bdiet iżżomm erba' reġistri mportanti li fihom kienet titniżżel informazzjoni bażika dwar in-nies tal-lokal. Speċjalment wara l-Konċilju ta' Trent (1563), dawn ir-reġistri ġew mogħtija aktar prominenza tant li kull parroċċa kellha bżonn tibda tiġbor l-informazzjoni skond kif ġie stabbilit mill-istess Konċilju ta' Trent. Tlieta minn dawn id-dokumenti kienu jikkonċernaw dawk kollha li kienu jitgħammdu, jiżżewġu jew jindifnu fil-parroċċa. Ir-raba' dokument huwa l-iStatus




L-oriġini tal-kunjom Ghigo fl-Imqabba

1. S. Fiorini, 'Demographic Growth and Urbanization of the Maltese Countryside to 1798', f'Hospitallier Malta 1530-1798. ed. V. Mallia Milanes. (Malta, 1993). 295-310
2. A. Bonnici, 'Lejn l-erezzjoni tal-parroċċa fl-Imqabba fis-sena 1598, fl-Imqabba mal-medda taż-żmien ed., C. Farrugia. (Malta, 1998). 32.
3. C.E.M. St(atus) A(nimarum). 1687.
4. S. Fiorini, Status Animarum; A Unique Source for 17th and 18th Century Maltese Demography, f'Melita Historica, vol. VIII, 4. (Malta, 1983). 327.

*Animarum* li litteralment tfisser 'il-kundizzjoni tar-ruħ' tal-parroċċjani. F'dan id-dokument il-kappillan kien iniżżel għal kull dar fir-raħal, l-ismijiet tal-membri tal-familja, l-età u jekk kinux qerrew jew tqarbnu matul is-sena. Barra minn hekk, ġieli l-kappillan kien iniżżel xi informazjoni oħra bħall-professjoni jew l-istat soċjali.

Din l-informazzjoni kollha tista' tiġi użata sabiex isir studju tal-popolazzjoni b'ċerta preċiżjoni. Dan l-istudju se jagħti ħarsa qasira kif permezz ta' 'population pyramid' nistgħu niffriżaw il-popolazzjoni ta' dan ir-raħal u nistudjawha aktar fil-fond. Il-'population pyramid', bħal dik ta' hawn taħt, tiġi ffurmata billi tinġabar informazzjoni dwar in-numru ta' rġiel u nisa għal kull ħames snin bejn it-twelid sa l-età ta' aktar minn sebgħin sena. Dan l-istudju se jiddiskuti din l-informazzjoni u għalhekk huwa possibbli li wieħed jista' jifhem aħjar kif din il-'population pyrarmid' tista' tiġi użata.

Tista' tgħid li hekk kif turi l-'population pyramid', kważi f'kull saff kien hemm iżjed irġiel milli nisa. Din is-sitwazzjoni tinbidel iktar tard fis-seklu tmintax, fejn in-numru ta' nisa jaqbeż lil dak ta' l-irġiel. Fattur ieħor interessanti li joħroġ minn din it-tabella huwa l-ammont kbir ta' tfal li kienu qed jgħixu fir-raħal. Dan mhux biss jispjega l-fatt li f'dan iż-żmien konna qed insibu familji b'numru konsiderevoli ta' membri, ukoll il-fatt ta' dipendenza akbar fuq dawk li jipprovdu l-għixien għall-familja.

Meta wieħed jipprova jifhem il-'population pyramid' tas-sena 1687, joħroġ biċ-ċar l-impatt tal-pesta tal-1676 fuq il-popolazzjoni ta' l-Imqabba. Hawnhekk, 54 persuna ġew midfuna, jiġifieri 10.8% tal-popolazzjoni fl-Imqabba.[5] Dawk kollha li twieldu

| SNIN | POPULATION PYRAMID | MAGĦMUDIJIET |
|---|---|---|
| 1673-1677 | 60 | 74 |
| 1678-1682 | 32 | 71 |
| 1683-1687 | 73 | 83 |

fis-sena tal-pesta jew wara qed jiġu rrappreżentati b'dawk is-saffi li huma ta' età ikbar minn dik ta' ħdax-il sena. Is-saff li jinkludi fih dawk it-tfal ta' bejn l-għaxra u l-erbatax-il sena juri li minkejja l-marda qerrieda, bosta tfal twieldu u oħrajn għexu minkejja d-diffikultajiet li ħolqu ċ-ċirkustanzi. Bla dubju, ftit kienu dawk il-koppji li setgħu jbassru ma' liema għawġ kienu se jħabbtu wiċċhom, speċjalment tul ix-xahrejn ta' Mejju u Ġunju 1676 meta l-pesta kienet fl-aqwa tagħha.[6]

L-effett tal-pesta jidher l-aktar fuq it-tfal fis-saff ta' dawk ta' età bejn ħamsa u disa' snin. Għal xi familji, l-effett tal-pesta seta' kien wieħed serju, speċjalment jekk il-mewt kissret iż-żwieġ. L-ammont ta' tfal li twieldu bejn 1678-82 huwa wieħed pjuttost baxx, 32 ruħ. Dan il-fatt sar iżjed ikkomplikat meta ppruvajt inqabblu ma' dawk it-tfal kollha li tgħammdu bejn l-1678 u l-1682.[7] Bejn dawn is-snin, 71 tarbija ġew mgħammda ġewwa l-Imqabba. Possibbli li bosta ġenituri minn barra r-raħal b'devozzjoni lejn il-patruna tar-raħal, għażlu li jgħammdu t-tfal tagħhom hawn? Huwa possibbli li f'dan iż-żmien il-marda qerrieda tal-ħożba, li l-aktar li kienet toqtol huma dawk ta' età żgħira, ħakmet ir-raħal? Jista' jagħti l-każ li ħafna minn dawn it-trabi spiċċaw ħarġu mir-raħal meta l-ġenituri tagħhom iddeċidew li jħallu l-Imqabba?

L-iżjed spjegazzjoni valida nsibuha fix-xogħol ta' Joseph Micallef. Dan jispjega kif bosta nies ħallew djarhom fl-ibliet ta' madwar il-Port il-Kbir u marru joqogħdu fl-irħula.[8] X'aktarx li xi emigranti spiċċaw għal xi żmien qasir fl-Imqabba fejn ukoll għammdu t-tarbija tagħhom. L-ikbar problema f'dan l-argument hi li ma nistgħux ngħidu għal kemm żmien dawn l-emigranti baqgħu jgħammru fl-Imqabba. Ir-reġistri tal-magħmudija lanqas ma jagħtu ħjiel, ħlief għal xi okkażjoni rari, ta' minn fejn kienu ġejjin il-ġenituri. Din l-ispjegazzjoni, għalkemm mhix konklussiva, tagħmel aktar sens meta wieħed jipprova jqabbel l-ammont ta' tfal għas-snin 1673-1677 u 1683-1687 hekk kif imniżżla fl-i*Status Animarum* u l-ammont ta' magħmudijiet li saru fl-istess żmien. F'dawn iż-żewġ perijodi d-differenza tista' titiqies bħala waħda żgħira meta kkomparata mad-diskrepanza għas-snin 1678-1682.

Bla dubju l-iżjed 'age-groups' li ntlaqtu ħażin mill-pesta kienu dawk ta' etajiet bejn 25-29, 45-49 u 55-59. Tajjeb illi ngħidu wkoll li dan l-aspett ma jistax jiġi attribwit biss għall-pesta tal-1676. Ħdax-il sena għaddew minn fuq din il-popolazzjoni u b'hekk fatturi oħra jridu jiġu kkunsidrati. Wieħed irid iżomm f'moħħu l-aspett ta' migrazzjoni. Fattur interessanti li joħroġ mill-'population pyramid' huwa li n-numru ta' nisa u rġiel bejn l-etajiet ta' 20 u 39 huwa

5. N. Buttigieg, Terra Micabiba fi Żmien l-Ordni ta' San Ġwann, fl-Imqabba mal-medda taż-żmien, ed., C. Farrugia (Malta, 1998). 55.
6. Ibid. 55.
7. APM. Lib(er) Bapt (izatorum). III
8. J. Micallef, The Plague of 1676 – 11,300 Deaths. 20-21.

kważi ndaqs, jiġifieri 72 raġel u 69 mara. Dawn is-snin huma meqjusa bħala dawk li fihom wieħed seta' jingħaqad fiż-żwieġ. Fl-Imqabba, bħall-irħula oħra fosthom Ħal Balzan u Ħal Kirkop, iż-żwieġ bejn koppji li ġejjin mill-istess parroċċa kien baxx. Bejn is-snin 1592 u 1713, 404 koppja ngħaqqdu fiż-żwieġ. Kienu biss 96 żwieġ illi ġew irreġistrati fejn l-għarajjes kienu joqogħdu fl-Imqabba. X'aktarx illi l-irġiel ta' l-Imqabba kienu jippreferu li jiżżewġu barra r-raħal[9]. Għaldaqstant huwa tajjeb li l-informazzjoni tiġi interpretata b'ċertu attenzjoni ladarba wieħed irid jikkonsidra wkoll din id-dinamiċità bejn l-irħula ġirien. Għaldaqstant, ikun tajjeb jekk fil-futur isir studju demografiku simili għal dawn l-irħula sabiex noħorġu stampa aktar ċara u jsir aktar possibli li nispjegaw l-iżvilupp demografiku ta' dawn l-irħula. Fil-każ ta' l-Imqabba nkunu nistgħu ngħidu kemm irġiel u nisa kienu qed jiżżewġu f'parroċċi oħra. F'kelma oħra, jsir possibbli li nistudjaw l-aspett ta' migrazzjoni u l-effett ta' dan fuq il-popolazzjoni.

Aspett interessanti ieħor li jista' joffri l-i*Status Animarum* huwa dwar kif ċertu familji żviluppaw. Għalkemm huwa diffiċli mingħajr studju tal-kuntratti taż-żwiġijiet li tiddentifika minn liema familja ġiet il-mara, huwa aktar possibbli li wieħed jistudja kif kibru dawk il-familji li kellhom xi rġiel li ngħaqdu fis-sagrament taż-żwieġ. Każ partikolari huwa dak tal-familja Ghigo. Dan il-kunjom laqatni l-aktar meta qrajt l-istudju ta' Charles Farrugia fuq il-Banda u s-Soċjetà tal-Ġilju.[10] Il-familja Ghigo kienet involuta mhux bil-ftit fl-Imqabba u għaldaqstant għenet sabiex tissawwar l-istorja ta' l-istess raħal.

Ikun interessanti wkoll jekk nagħtu ħarsa lejn l-ewwel familji Ghigo ta' żmien l-Ordni. Dan il-kunjom introduċa ruħu fir-raħal ta'l-Imqabba fl-ewwel nofs tas-seklu tmintax. Sas-sena 1794 in-numru ta' nies bil-kunjom Ghigo kien ta' 30. Dan żgur kien ftit wisq ikkomparat ma' l-aktar kunjom komuni fl-Imqabba tal-istess żmien, jiġifieri Zammit. Dan l-istudju ma jistax jgħid b'ċertezza minn fejn oriġina dan il-kunjom f'dan ir-raħal. Iżda minn *Stato Libero*[11] ta' l-1755, insibu lil ċertu Ġużeppi Ghigo li jgħid li minn ċkunitu għex fl-Imqabba iżda ġie mwieled fiż-Żejtun.[12]

Fl-i*Status Animarum* tas-sena 1767, kien hemm ħames koppji bil-kunjom Ghigo. Wieħed minn dawn kien armel, żewġ koppji ma kellhomx tfal fosthom l-ixjeħ koppja minnhom kollha. Dawn ta' l-aħħar kienu Pasquale u Ursula Ghigo ta' 51 u 56 sena rispettivament. X'aktarx illi din kienet l-ewwel koppja Ghigo ġewwa l-Imqabba, filwaqt li l-koppji msemmija hawn fuq ma kienu ħadd ħlief uliedhom. L-ikbar fost l-ulied kien Michele li kellu tletin sena. Dan iżżewweġ ma' Imperuzza li kellha 52 fis-sena 1767. X'aktar li għal Imperuzza dan kien it-tieni żwieġ meta wieħed iqis li l-ikbar mill-ulied kien biss għaxar snin iżgħar minn Michele.

Wara Michele, Ursula Ghigo welldet sitt itfal oħra. Archangelo, Antonio, Michele, Salvatore, Anna u Mariuzza, f'din l-ordni. Michele Ghigo u t-tliet ħutu ta' warajh lkoll kienu ngħaqdu fis-sagrament taż-żwieġ u b'hekk setgħu jkattru l-kunjom. Mingħajr ebda dubju, kif jidher ċar mis-siġra tal-familja, mas-sena 1787 il-membri tal-familja Ghigo bdew joktru.

L-'iswed' tal-familja kien Martino Ghigo. Dan tilef lil martu meta kien għad kellu biss tmintax-il sena. Tajjeb li ngħidu illi l-mewt f'età żgħira ma kienet xejn stramba għas-snin imsemmija hawn, speċjalment meta wieħed jiftakar li l-mediċina kienet għadha lura ħafna. Martino Ghigo milli jidher qatt ma kellu xorti fiż-żwieġ. Fl-i*status animarum* tas-sena 1788, Ghigo huwa mniżżel separat minn ma' martu Gratia li kienet immarkata mill-kappillan bħala mara tax-'xogħol' ġewwa Bormla.

Il-familja Ghigo serviet lir-raħal fiż-żmien ta' diffikultà u saram. L-istudju ta' Joseph Abdilla juri kif fiż-żmien l-imblokk tal-Franċiżi membri ta' din il-familja servew bħala parti mill-battaljun ta' l-Imqabba. Gaetano Ghigo kien wieħed mit-tliet kaptani filwaqt li zijuh Salvatore kien kaporal. Ġużeppi Ghigo, ħu Gaetano u neputi ta' Salvatore kien serva bħala suldat.[13]

Għalkemm, l-Imqabba tas-seklu sbatax hija meqjusa bħala wieħed mill-iżgħar irħula f'Malta. L-istorja ta' niesha xorta waħda tibqa' waħda interessanti. Nerġa' ntenni dak li għidt fil-bidu, huma n-nies li jagħmlu raħal ħaj, huma l-attivitajiet li jiġru fih li jagħtuh raġuni sabiex jeżisti. Kien dan li għamlu dawk kollha li għexu fl-inħawi ta' dan l-irħajjel li f'bosta dokumenti taż-żmien l-Ordni kien magħruf bħala Terra Micabiba. Fiċ-ċokon tiegħu, niesu tawh skop sabiex jikber u jsir parroċċa, u llum qed ingawdu l-frott ta' dan.

9. N. Buttigieg, 'Terra Micabiba fi Żmien l-Ordni ta' San Ġwann, fl-Imqabba mal-medda taż-żmien, ed., C. Farrugia. (Malta, 1998). 56-57.
10. C. Farrugia, 'Tal-Ġilju: Is-Soċjetà u l-Banda fl-Imqabba (Malta, 1995)
11. Dawk il-Maltin li kienu jqattgħu żmien twil barra minn Malta u kienu wrew ix-xewqa li jiżżewwġu kien ikollhom bżonn ta' dokument li jipprova dan.
12. CEM. A.O. Dictum. 791 (1755)
13. J. Abdilla, il-Kappillan Caraffa ta' l-Imqabba u l-Imblokk tal-Franċiżi, fl-Imqabba mal-medda taż-żmien, ed., C. Farrugia. (Malta, 1998). 101.